MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1209/2002/1

**Anthony Tabone**

**Vs**

**Saviour Mifsud**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm980.00 (disa mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti minn l-attur u dana kwantu ghal hsarat sofferti fil-vettura proprjeta tal-attur numru GAM-241 fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Mejju 2001 f'Naxxar Road, Gharghur , waqt li l-konvenut kien isuq il-vettura numru IAJ-987.

Illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra legali tat-2 ta' Gunju 2001. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mhux dovut u dan peess li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'risultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija wahda esegwita u ma tirriflettix l-ispiza reali;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi din il-kawza si tratta ta' kollizjoni li grat f' Naxxar Road, Gharghur bejn vettura li harget mil-pompa tal-petrol u vettura li kienet gejja fl-istess triq. Mhux kontestat li l-vettura nru GAM-241 misjuqa mill-attur- fid-direzzjoni San Gwann ghan-Naxxar kienet fi triq arterjali u ghalhekk principali ghal dik tal-konvenut. Anzi, il-pompa tal-petrol, uzata mill-konvenut, hija fil-genb tal-istess triq. Il-konvenut ried imur fl-istess direzzjoni u ghalhekk kellu jacceddi fl-istess karregjata uzata mill-attur.

In vista tal-istess, kien ingombenti fuq il-konvenut illi, meta giex biex jisporgji fuq il-karreggjata, kellu jadopera l-massima attenzjoni u prudenza biex ma jikkostitwix ruhu ta' periklu ghal terzi gja utenti fit-triq.

Kif gja diversament enuncjat minn dan it-Tribunal u konfortat minn gurisprudenza kostanti u per applikazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku ghandhu doveri massimi importanti fuq is-sewwieq li johrog biex jinghaqad mal-flow tat-traffiku.

L-esplorazzjoni tat-triq miz-zewg direzzjonijiet, ic-certezza li mhux gej traffiku u jekk gej mhux ser ikun ta’ ebda ostaklu huma overni impellanti.

B’ dan il-mod uniku kollizzjonijiet bhal dik in dezamina ma jissuccedux.

L-attur kien fit-triq tieghu-il-konvenut ried jinghaqad maghha, pero' l-konvenut ried johrog mil-genb fejn hemm is-service station.

Li kieku l-konvenut adopera l-fuq indikati prekawzjonijiet, ma kienx ikun neccessarji l-odjerni proceduri.

Relattivament ghal quantun tad-danni, dawn ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu accettati.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni li grat fit-30 ta’ Mejju, 2001, u jikkundannawh ihallas is-somma ta’ disa' mija u tmenin Lira Maltin (Lm980) danni esibiti mill-attur fil-vettura tieghu bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------